NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nru 54

Mejju - Ġunju 1990

M E R Ħ B A



**IL-BELT VICTORIA**

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
Centru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Ghawdex.
Tel: 556377

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Irxuxtat

26-2-90: Antonia Portelli.
11-3-90: Felix Zerafa.
18-3-90: Carmela Borg.
21-3-90: Ġużepp Grech.
29-3-90: Angela Grech,
30-3-90: Ġużeppa Camilleri.
4-4-90: Geralda Sultana.
8-4-90: Guliano Sammut.
12-4-90: Margerita Attard.

### Membri Ġodda fil-Kommunità Parrokkjali

7-4-90: MICHAEL JOSEF iben Joseph Cutajar u Doreen Axiaq,
8-4-90: CHRISTINE bint Francis Tabone u Anna Borg.
14-4-90: FRANCIS JOSEPH iben Joseph Borg u Maria Conetta Grech.
14-4-90: FRANCESCA MARIA bint Mario Attard u Maria Dolores Grech.
15-4-90: CHARLENE bint George Cauchi u Maria Assunta Borg.
19-4-90: JOSELENE bint Raymond Gafà u Maria Azzopardi.
21-4-90: CHRIS iben Lawrence Caruana u Rita Parnis.

### Inagħqdu bis-Sagrament taż-Żwieġ

10-3-90: Manfred Eckert u Karen Camilleri
17-3-90: Saviour Mercieca u Miriam Gatt
22-4-90: Joseph Camilleri u Antoinette Frendo
28-4-90: Christopher Pisani u Sylvana Scicluna
6-5-90: Maria Muscat u Mario Formosa

### *Nifirħu......*

**• lil Mons CARMELO XUEREB f'għeluq il-50 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.**
**• lil Patri ADEODATO SCHEMBRI O.S.A. li dan l-aħħar ġie maħtur Provinċjal tal-Provinċja Agostinjana ta' Malta.**

### Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija:

*Matul il-Ġimgħa:* **Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.**
*Ħdud u Festi:* **Fil-5.00p.m. u fis-6.30p.m.**

# EDITORJAL:

## *X'Għandha Tfisser iż-Żjara tal-Papa Għalina*

*Meta tħabbru l-jiem li fihom il-Qdusija Tiegħu l-Papa kien ser iżur il-gżejjer Maltin, l-Isqfijiet ħeġġew lill-fidili kollha biex issir preparazzjoni xierqa ħalli din iż-żjara pastorali tħalli frott abbundanti fil-Knisja Maltija. L-għan pastorali taż-żjara kellu jkun l-għola skop ta' din iż-żjara storika.*

*Ftit jiem oħra u din iż-żjara sseħħ. Baqa' biss ftit biex il-Vigarju ta' Kristu jmidd saqajh fuq il-gżira ta' Pawlu. Il-preparazzjoni materjali u spiritwali waslet fit-tmiem. L-importanti issa huwa dak li ser jgħidilna l-Papa u kif aħna ser nisimgħu l-messaġġ tiegħu.*

*Il-Papa żgur li jaf li fil-gżejjer tagħna għad hawn ħafna u ħafna nsara tajbin. Insara tassew. Imma ċerti li l-Papa jaf ukoll li l-Knisja Maltija teħtieġ dak ir-rinnovament biex hija tkompli miexja maż-żminijiet fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II u fid-dawl tat-tagħlim tal-Papiet.*

*Kif ġa għidna il-Papa jaf li għad hawn ħafna nsara tajbin. Imma fostna hawn ukoll tirrenja l-apatija u l-injoranza reliġjuża. Iż-żjara tal-Papa għandha sservi ta' stimulu għal dawk li huma maħkumin mill-marda ta' l-apatija. Żgur li l-Papa jrid li aħna nkunu nsara tassew u mhux insara li nkunu kuntenti biss bil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd. Il-Papa jridna ngħixu l-vanġelu kollu u mhux biss nosservaw ċerti regoli għal għajn in-nies. Il-Papa jridna li aħna nkunu mgħallma sewwa it-tagħlim tal-Knisja biex meta niltaqgħu ma xi saram inkunu kapaċi naffrontawh u ngħelbuh. Żgur li fil-messaġġi li ser iwasslilna l-Papa ser iħeġġiġna biex nikkonservaw tajjeb u kif inhu xieraq il-fidi li ġabilna San Pawl. Żgur li ser jgħidilna biex ma nkunux kuntenti biss bin-numru sabiħ ta' saċerdoti, bin-numru kbir ta' knejjes, bin-numru bla għadd ta' quddies li jsir u b'elf ħaġa oħra li jidhru minn barra.*

*J'Alla ż-żjara tal-papa fostna tqajjem fina spirtu ġdid u tagħmilna lkoll nsara denji li nġibu dan l-isem.*



## Nitħejjew għall-Festa ta' SAN ĠORĠ

***Nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju bdew il-Ħamisijiet bi tħejjija għall-festi sollenni f'ġieh il-Patrun tagħna u t'Għawdex San Ġorġ. Matul dawn id-disa' ħamisijiet fis-7.00p.m. ikollna quddiesa bl-omelija fil-Bażilika. Inħeġġukom tattendu jekk mhux għal din il-quddiesa, f'xi quddiesa oħra nhar ta' Ħamis biex nitħejjew kif jixraq għall-festa. Mhux biżżejjed li nistinkaw biex ikollna festi esterni kbar bħas-soltu, irridu wkoll nitħejjew spiritwalment għall-festa tal-patrun tagħna.***

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# NGĦIXU DEJJEM IS-26 TA' MEJJU

Data mill-aqwa fl-istorja ta' pajjiżna hija bla dubju is-Sibt, 26 ta' Mejju 1990. Il-Jum taż-żjara pastorali li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II ser jagħmel lil Għawdex tagħna. Jiena ċert li lkoll kemm aħna nilqgħuh fostna, u b'qalbna mimlija b'ferħ qaddis intennu b'leħen għoli: ***"Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej"***

Ċert ukoll li f'dan il-jum, ilkoll kemm aħna ninġabru għalenija quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, sabiex f'riġlejn Marija, l-Omm tagħna aħna nieħdu sehem attiv fil-Konċelebrazzjoni li l-Papa ser imexxi mal-Kleru Għawdxi. Żgur li din il-Liturġija jkollha sinifikat mill-aqwa f'dik il-għodwa ta' Mejju.

F'dan il-jum ukoll, ilkoll kemm aħna ninsew id-differenzi ta' bejnietna: u bħala poplu wieħed nagħtu merħba lill-Missier Spiritwali tagħna lkoll. Żgur li f'dan il-jum isaltan is-sliem il-għaqda u l-imħabba bejnietna.

Fit-tmiem taż-żjara tiegħu, hekk kif il-Papa jitla' fuq il-lanċa u narawha ħierġa bil-mod il-mod mill-port ħlejju ta' l-Imġarr: hekk kif din il-lanċa tbegħdu minna, jiena ċert li għajnejna jimtlew bid-dmugħ: ħabbejnih tant, ltqajna miegħu għall-ftit, u issa ser jerġa' jitbiegħed minna. Kont ser ngħid: ***"U l-istorja tieqaf hemm".***

Iżda le: l-istorja ma tistax tieqaf hemm: iż-żjara tal-Papa f'pajjiżna, qasira kemm hi qasira, trid tibqa' ħajja.... irridu nibqgħu ngħixuha. Mhux bir-ritratti li nkunu ħadna, bid-videos li nkunu ġbidna, jew b'xi souveniers li nkunu xtrajna. Jeħtieġ li is-26 ta' Mejju nibqgħu ngħixuh kuljum, ġurnata wara l-oħra.

Dan hu l-awgurju li jiena nagħmel lilkom ilkoll f'din l-okkażjoni taż-żjara pastorali tal-Papa: ejjew nibqgħu nieħdu sehem fil-liturġija, bl-istess entużjażmu u attività bħal ma nkunu għamilna f'dan il-jum memorabbli.

Ejjew nibqgħu ninsew id-differenzi ta' bejnietna u nħallu il-ferħ, l-għaqda u l-imħabba jimlew il-qlubna bħalma imlewhom fis-26 ta' Mejju. Ejjew nibqgħu naċċettaw u nilqgħu fostna lill-Papa, fil-persuna ta' l-Isqof tagħna, tas-saċerdoti tagħna. Ejjew nibqgħu nħobbu lill-papa fit-tagħlim li huwa jwasslilna.

Tkun din it-talba li għandna nitolbu flimkien: "Agħmel O Mulej, li għalina, kull ġurnata li tgħaddi minn fuqna tkun dejjem is-26 ta' Mejju 1990".

# LILL-MADONNA TA' MEJJU

*B'dedika lill-kwadru artistiku tal-Madonna ta' Mejju li hemm fuq l-artal tal-kor fil-Bażilika-Kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex.*



Ġo l-isbaħ żmien tas-sena,
Fejn tqum ommna n-natura,
U turi l-ġmiel ta' lwienħa,
Fuq l-iċken **warda u fjura.**

Seħer il-ġmiel u l-fwieħa,
Narawh f'għelieqi u ġonna,
F'dax-xahar sabiħ ta' Mejju,
Itir fuq il-Madonna.

Il-ġmiel tal-ħelu wiċċek,
B'ħaddejn lewn il-peprin,
Jixhed, qdusija rżina,
Lill-Omm tal-mifdijin.

Ilbisek dejjem bojod,
Bħal ġilju tal-widien,
B'materjal nir lewn is-sema,
Imżejjen b'dawl fiddien.

Ma rħam u bronż u tila,
Artisti b'fama kbira,
Wkoll mill-ġebla Għawdxija,
Tiegħek tawna t-tifkira.

F'dax-xahar ta' Mejju ħlejju,
Madonna kemm tkun ħelwa,
Imdawra b'ward u xama'
Mill-qlub tħarrab id-dnewwa!

Jekk Int tas-sema l-għaxqa,
Ta' l-art ukoll Int Tama,
Ta' dawk li miexja dejjem,
Fid-dawl li jkeċċi l-għama.

Madonna, j'Omm ta' mħabba,
Jisboq ġmielek kull warda,
Li tikber f'din l-Art tagħna,
U n-naħal jiġi jarda'.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*
*2 ta' Frar 1989.*

# IŻ-ŻJARA TAL-P

## X'NIXTIEQ NURIH

*Ħafna huma l-preġji li jsebbħu lill-pajjiżna. U bħala Malti kburi b'pajjiżi hemm ħafna affarijiet li nieħu gost kieku jkolli ċ-ċans li nurihom lill-Papa.*

**• *Knejjes***

Kont nurih il-Knejjes tagħna. Nuri kif pajjiżna huwa mibni minn bliet u rħula żgħar u kbar, iżda kollha mibnija madwar il-Knisja tal-lokal. Il-Kampnari u l-Koppli li jaqtgħu għalihom weħidhom u jiddominaw id-djar u s-soqfa tal-Maltin u l-Għawdxin.

Il-Knejjes minn ġewwa, imlibbsa u mżejjna minn kollox: xhieda ta' l-imħabba u r-rabta li missirijietna kellhom lejn id-Dar t'Alla.

**• *Għelieqi***

Kont nistiednu jħares lejn l-egħlieqi tagħna, li minkejja n-nixfa li taħkem fuq pajjiżna, narawhom iħaddru u jagħtu l-frott tagħhom, propju mertu tax-xogħol, tat-tbatija u tal-ħidma tal-bidwi tagħna, li sajf u xitwa jaħdem l-art biex din qatt ma ċċaħħadna mill-frott tagħha.

**• *Id-Djar***

Kont nifrah nurih id-djar sbieħ tagħna mibnija mill-ġebla maltija: djar li jiġbru ġo fihom tant imħabbiet: is-sagrifiċċji, ix-xogħol, l-għaqal l-imħabba tal-koppja miżżewġa u l-ulied li jgħammru f'dawn l-istess djar. Djar li ġewwa fihom hemm persuni morda u anzjani, uħud minnhom imsammra mas-sodda tal-mard tagħhom, u fis-skiet iġarrbu kollox bis-sabar u jitolbu għal ħuthom il-bnedmin.

**• *Djar tat-Tfal***

Kont inħossni kburi nurih id-Djar tat-Tfal li l-Knisja Maltija u Għawdxija tmexxi b'tant imħabba u sagrifiċċji. Nurih id-Dar tal-Providenza, fejn l-"Anġli" mkissra jiġu ikkurati u mogħtija dak kollu li huma jeħtieġu. Kont infissirlu li dawn id-djar qed jimxu 'il quddiem bil-ġenerożità ta' Saċerdoti u reliġjużi, mgħejjuna minn lajċi impenjati, kif ukoll mill-poplu kollu ta' dawn il-gżejjer.

**• *Postijiet ta' Talb***

Kont infakkru u nsemmilu dawk iċ-Ċentri kollha ta' talb imferrxa ma' Malta u Għawdex: il-kunventi tas-Sorijiet tal-Klawsura, il-postijiet kollha li fihom jiltaqgħu numru bla għadd ta' gruppi ta' Talb.

**• *Lin-nies ta' Pajjiżna***

Iva, fl-aħħarnett kont nurih ukoll il-poplu ta' dawn il-gżejjer, li minkejja l-problemi li jkollu jħabbat wiċċu magħhom, minkejja il-limitazzjonijiet li huwa għandu, għandu qalb tħabbat bl-imħabba lejn kull min huwa fil-bżonn: jgħin il-missjonijiet, b'saċerdoti u reliġjużi, kif ukoll b'lajċi li jħallu kollox u jmorru f'artijiet oħra biex ixandru l-Kelma t'Alla. Jgħin fil-ħtiġijiet kollha li jinqalgħu: b'għotjiet ta' flus u ħwejjeġ oħra. Kieku nista' kont nurih il-qalb tħabbat bl-imħabba mal-Knisja Universali.

**• *Affarijiet oħra***

Żgur li hemm affarijiet oħra li kont nieħu gost nitkellem miegħu dwarhom. Iżda żgur li l-ħin ma jippermettix. Iżda jiena ċert li l-Papa ta' bniedem kbir li vvjaġġa u ltaqa' ma' numru bla għadd ta' popli jkun kapaċi li huwa stess, waħdu, mingħajr ma jiġbidlu l-attenzjoni ħadd, ikun kapaċi jsib preġji oħra fil-gżejjer tagħna.

***Intqal u inkiteb ħafna dwar iż-ż***
***Ġwanni Pawlu II ser jagħmel fil-gż***
***inwieġbu żewġ mistoqsijiet li ż-żg***
***mitluba jwieġbu bi tħejjija għal di***
***Il-mistoqsijiet huma dawn:-***
***• X'Tixtieq turi lill-Papa matul il-***
***• X'Ma tixtieqx turih waqt li jkun***



*Kull pajjiż għandu l-preġji u d-difetti.*
*aħjar li minflok ma nonfħu żżejjed il-p*
*difetti? Mhux aħjar inkunu bnedm*
*tagħna ilkoll, bħala nsara, u bħala b*
*dan il-pajjiż għażiż tagħna: u nagħ*
*nperċuh quddiem kulħadd bla biża'*

# APA F'PAJJIŻNA

*żjara pastorali li l-Q.T. il-Papa*
*ejjer maltin. Illum ser nippruvaw*
*ħażagħ Maltin u Għawdxin ġew*
*n iż-żjara.*

*waqfa tiegħu f'pajjiżna?*
*hawnhekk?*



*U pajjiżna mhux eċċezzjoni: mhux*
*reġi, ma nagħlqux għajnejna għad-*
*in realisti li nifhmu li huma dmir*
*nedmin responsabbli, li nibnu sew*
*mluh pajjiż li nkunu kburin bih u*
*li nġibu l-ġebla fuq saqajna?*

# X'MA NIXTIEQX NURIH

*Għalkemm il-preġji huma ħafna, iżda b'daqshekk ma jfissirx li ma għandniex xi affarijiet li jkerrħuna u wieħed jipprova jagħmel ħiltu kollha biex jaħbihom minn għajnejn il-Papa.*

**• *Bruda u Injoranza Reliġjuża***

Ma nistgħux inserrħu rasna bil-knejjes sbieħ u l-festi li nagħmlu: dawn iridu jkunu, iżda rridu nfittxu ukoll li nqumu ftit mill-apatija li ħafna minn nies tagħna għandhom. L-atteġġjament ta' xi uħud fil-Knisja żgur li mhux ta' min jiftaħar bih. Il-passività waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru, il-mod ta' ilbies li wieħed ixidd, l-aktar fix-xhur tas-sajf. Ħaġa li tkerraħ ħafna lilna bħala poplu hija, li minkejja li għandna diversi għaqdiet u istituzzjonijiet li jgħallmu d-duttrina u jagħtu formazzjoni nisranija tajba, huma ftit dawk il-Maltin u l-Għawdxin li jagħmlu użu minnhom bil-konsegwenza li jibqgħu f'injoranza reliġjuża kbira, li imbagħad tirrifletti ħażin f'ħajjithom u f'pajjiżna.

**• *Firda: frott il-Politika jew il-Parrokkjaliżmu***

Hija ħasra, li poplu b'qalb kbira u ġeneruża fil-ħtiġijiet ta' ħutu il-bnedmin, imbagħad jinsab mifrud minn żewġ pjagi li jifnuh u jkissruh: il-politika u l-parrokkjaliżmu. Bnedmin, li filwaqt li jsejjħu lilhom infushom maturi, iħallu lil min imexxihom minn imneħirhom, u ma jibqgħu jaraw xejn għajr il-kulur tal-partit tagħhom, jew l-isem tal-qaddis jew qaddisa ta' raħalhom. B'hekk tikber il-firda, li ġġib diżordni u ġlied li ma jagħmel ġid lil ħadd u jwaqqaf il-mixja lejn il-progress.

**• *It-Tifrik f'xi familji***

Ħaġa li żgur ma nistgħux nitkellmu fuqha bil-ferħ hija t-tifrik li qed ikun hemm f'diversi familji. Tbaxxew il-valuri morali f'ħafna persuni: it-taħlit bla rażan fuq ix-xogħol, fid-djar fost il-ħbieb; in-nuqqas ta' tħejjija xierqa u adekwata; l-imħabba ħielsa u sess bla rażan, anke qabel iż-żwieġ, qed ikunu l-kawżi li qed joħolqu din ir-rovina li jekk ma noqgħodux attenti għaliha tista' taħarbilna minn idejna.

**• *Il-Ħajja bla ebda skop ta' ħafna żgħażagħ***

Filwaqt li l-Papa jisħaqq fuq il-fatt li ż-żogħżija hija teżor imprezzabbli li ma nistgħux nitilfuh, naraw numru ta' żgħażagħ li qed jgħixu bla ebda skop fil-ħajja: jaqgħu f'solitudni li tkisser, u imbagħad jinfexxu fid-droga li tfarrakhom kompletament.

**• *Egoiżmu sfrenat***

Ħaġa li kważi kważi ma titfissirx hija l-fatt li filwaqt li noqomsu meta nisimgħu xi kumment mgħoddi fuqna minn xi ħadd barrani, ilkoll kemm aħna, jew aħjar il-parti l-kbira tagħna, nibqgħu bla reazzjoni quddiem sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu l-kumment, l-azzjoni tagħna. Dment li ma ninqarsux personalment, ma niċċaqalqux.

**• *Affarijiet oħra***

Ma jfissirx li ma hemmx affarijiet oħra negattivi li wieħed joqgħod attent li ma jperriċċhomx quddiem personaġġ hekk illustri bħalma hu l-Papa. Ikun żball għalina lkoll li nserrħu rasna li l-Papa jkun għadda minn nofsna u ma jkunx ittenda b'dawn l-id-difetti. B'daqshekk ma nkunu solvejna xejn: ħbejna pjaga minn għajnejn dak li kieku raha setgħa jagħtina mediċina biex infejjquha. U xorta waħda jibqgħalna d-dmir li nagħmlu ħilitna kollha biex naraw x'nagħmlu, u bis-sabar u bil-paċenzja kif ukoll b'determinazzjoni naslu biex neliminaw dawn id-difetti li jkerrħuna.

# WARA L-FESTI TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

Il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa ġew ċċelebrati fil-Bażilika tagħna bis-sollennità li jixraq lil dawn il-jiem għeżież. F'Ħadd il-Palm dawk kollha li attendew il-quddiesa fil-Bażilika tagħna ingħataw tifkira filwaqt li fil-għaxija wara l-Konċelebrazzjoni solenni Mons Arcipriet inawgura l-Mejda ta' l-Appostli. Din is-sena fuq il-mejda tqiegħdu l-ismijiet ta' l-appostli maħdumin f'forma ta' "scroll" mid-ditta Alka Ceramics ta' Ta' Qali Malta. Dawn ġew imħallsa wkoll mill-Ladies Society tal-Parroċċa li s-sena l-oħra kienu ħallsu wkoll il-fuħħar kollu li sar. Mill-qalb ngħidulhom grazzi.

Nhar it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa l-Banda 'La Stella' tat programm ta' marċi Funebri fil-Bażilika. F'dan il-programm ħadu sehem ukoll iż-żewġ korijiet tal-Parroċċa 'Chorus Urbanus u Laudate Pueri'.

Fl-Erbgħa tat-Tniebri saret fil-Bażilika Via Sagra solenni u fit-tnax-il stazzjon Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni flimkien mal-kapitlu u l-kleru. Il-Ħamis imbagħad, Ħamis ix-Xirka Mons Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bil-ħasil ta' riġlejn l-appostli li huma kollha membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.

Il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira ħadem bis-sħiħ biex din is-sena iktar mis-soltu l-purċissjoni titmexxa b'mod tajjeb. Din is-sena l-purċissjoni ġiet imxandra fuq it-Televiżjoni ta' Malta f'xandira diretta li bdiet fil-5.30p.m. Nirringrazzjaw lil kull min għen biex tinżamm l-ordni fil-purċissjoni devota u tradizzjonali tagħna, speċjalment lil-Banda "La Stella" għas-sehem li dejjem tagħti.

Il-funzjoni ta' Sibt il-Għid filgħaxija tmexxiet minn Mons Arċipriet li wara mexxa Konċelebrazzjoni solenni biex waqt il-Gloria l-qniepen tal-Bażilika ħabbru l-qawmien mill-mewt ta' Kristu. Il-Ħadd filgħodu sar marċ mill-Banda La Stella bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

Mill-ġdid nirringrazzjaw lill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira għall-ħidma li jwettaq u li kull sena jħabbrek biex il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa jiġu ċelebrati kif jixraq. Din is-sena bit-tħabbrik tal-Kumitat u ta' Mons Anton Grech Vella żżanżnet bradella ġdida għall-istatwa tal-Veronika.

*Grazzi wkoll lill benefattur tagħha.*

## Id-Dramm "MARIA GORETTI"

Ir-raba' u l-aħħar produzzjoni tejatrali tal-astra Dramatic Company għal dan l-istaġun kien id-dramm reliġjuż "Maria Goretti", kitba ta' Lino Grech, li nżamm fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 28 t'April li għadda. Kien tabilħaqq għeluq stupend għal staġun memorabbli fit-Teatru Astra, staġun li ġabilna memorji sbieħ tal-ewwel snin wara l-ftuħ ta' dan it-teatru meta l-attivitajiet tal-palk kienu jsiru regolarment minn xahar għal ieħor. B'cast imtella' b'atturi ta' esperjenza u oħrajn kważi ġodda fix-xena lokali, l-Astra Dramatic Company irnexxielha tippreżentalna dramm kbir li kompla jkabbar ir-reputazzjoni tajba ta' din il-kumpanija tejatrali. L-atturi kollha taw is-sehem tagħhom f'din il-produzzjoni li fiha spikkat iż-żgħażugħa promettenti Monica Attard fil-parti prinċipali ta' Maria Goretti.



Ġorġ Cini, li f'idejh kellu l-produzzjoni tad-dramm, ħaqqu kull tifħir għall-mod kif irnexxielu jgħaqqad flimkien l-episodji l-aktar sinifikanti mill-ġrajja ta' din il-martri qaddisa.

Rappreżentazzjoni oħra ta' "Maria Goretti" inżammet nhar il-Ħamis 26 t'April għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji. Il-qligħ minn dan id-dram se jmur b'risq il-fund imwaqqaf mill-Għaqda tal-Handikappati Għawdxin.

### *Riżultat tat-Tieni Kompetizzjoni dwar il-Papa:*

*Fost it-tweġibiet tajbin li waslu tellajna tlieta bix-xorti. Ir-Rebbieħa huma dawn:*

1. **Elaine Attard, 44, Triq Karità, Victoria.**
2. **Mario Farrugia, Oleander, Kercem Rd., Victoria.**
3. **Denise Galea, Triq Cetta Mintoff, Victoria.**

## Ideal Home Exhibition

Mijiet ta' Għawdxin żaru l-Ideal Home Exhibition li nżammet fil-Kumpless tat-Teatru Astra fis-6, 7 u 8 t'April. L-edizzjoni ta' din is-sena kienet waħda mill-akbar li qatt saru. Għadd kbir ta' prodotti ta' użu għad-dar kienu reklamati f'din l-Esebizzjoni, fosthom salotti, kmamar tal-banju, tapiti, oġġetti taċ-ċeramika, 'blinds' tal-purtieri, fridges, cookers, video recorders, għamara, kotba, pjanti, ħelu, magni tal-ħjata, u oħrajn. Fost dawk li żaru l-Ideal Home Exhibition tul it-tliet ijiem li damet miftuħa kien hemm il-Ministru għal Għawdex Anton Tabone, li ġie milqugħ u mdawwar mat-22 Stand imwaqqfa fl-Exhibition.

### Donazzjonijiet għar-Rivista:

| | | | |
|---|---|---|---|
| N.N. Victoria | Lm2 | M.Grech | Lm2 |
| F.Pisani | Lm2 | M.Xerri | Lm5 |
| G.Micallef | Lm1 | Maria Galea | 50c. |

T. Aquilina (Canada) 50 Can.$.

# *Jum San Ġorġ imfakkar mill-* LADIES SOCIETY

Bħala parti mill-programm ta' ċelebrazzjonijiet li ġie organizzat biex ifakkar Jum San Ġorġ - 23 t'April - il-Ladies Society tal-Bażilika tagħna organizzat Ikla għall-kommunità parrokkjali u l-ħbieb tas-soċjetà.

Mistiedna speċjali kienu l-Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone u l-Isqof Nikol Cauchi, li taħt il-ħarsien distint tagħhom inżammet din l-Ikla. Madwar 260 ruħ attendew għall-Ikla li nżammet fl-Astra Discotheque, Victoria.

F'diskors qasir li għamlet, is-Sinjura Georgina Cassar, President tal-Ladies Society, irringrazzjat lill-membri sħabha tal-appoġġ kontinwu tagħhom favur l-għaqda. Hija qalet li sforz il-ħidma tal-kumitat, is-soċjetà rnexxielha tiġbor fondi biżżejjed li minnhom mhux biss qed tgawdi il-Bażilika ta' San Ġorġ, iżda saħansitra istituti tal-karità f'Għawdex.

L-attenzjoni sħiħa tal-Ladies Society ser tibqa', bla dubju, konċentrata fuq il-Bażilika Ġorġjana, u għal dan il-għan qed taħdem biex fi żmien qasir tirregala lill-knisja sett ġdid ta' 28 pjaneta tal-bellus biex jintużaw fil-pontifikali solenni ta' matul is-sena.

# Għaqda Żgħażagħ La Stella

Attività kulturali marbuta mall-festa ta' barra ta' Jum San Ġorġ kienet il-Wirja tal-Arti li l-Għaqda Żgħażagħ La Stella organizzat fil-Kumpless tat-Teatru Astra bejn it-22 u d-29 t'April 1990.

18 l-artist Għawdxi ħadu sehem f'din il-Wirja li kienet tinkludi pittura, skultura, xogħolijiet tar-rakkmu, mudellar fit-tafal, arkett, xogħol tal-injam, statwi u ħwejjeġ oħra. Taqsima interessanti fil-Wirja kienet dik dwar l-armar tal-festa ta' San Ġorġ, waqt li sezzjoni oħra kienet titratta dwar għażla mill-vestwarju tat-Teatru Astra. B'kollox kien hemm madwar 180 xogħolijiet tal-arti esebiti f'din il-Wirja.

F'diskors li għamel fl-inawgurazzjoni tal-Wirja, il-Ministru għal Għawdex Anton Tabone feraħ lill-Għaqda Żgħażagħ La Stella li għat-tieni sena konsekuttiva kienet qed tagħti opportunità lill-artisti Għawdxin juru fil-beraħ it-talenti tagħhom. Din il-Wirja bla dubju qed ikollu l-okkażjoni jesponi x-xogħol tiegħu quddiem il-pubbliku Għawdxi.

Il-Wirja ġiet imbierka mill-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Salv. Borg.

## *Vestizzjoni ta' l-Abbatini*



**Nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju 1990 saret il-vestizzjoni ta' l-abbatini tal-Bażilika tagħna. Iċ-ċerimonja tmexxiet minn Mons Arċipriet mgħejjun minn Dun Ġorġ Grima Direttur ta' l-Abbatini. Sbatax il abbati ngħataw il-libsa u fosthom Mark Sagona ngħata d-dmirijiet ta' Prefett.**

## Ad Multos Annos



Nhar l-Erbgħa 4 ta' April 1990, Dun Renato Sammut kiseb lawrija (Summa Cum Laude) fid-Drittu Kanoniku u Ċivili mill-Fakolta "Ultriusque Iuris" tal-Universita Pontifiċja Lateranense wara li ppreżenta u ddefenda t-teżi: "Id-dritt għall-Kultura u għall-Edukazzjoni skond in-normi tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali Intergovernattivi". Fil-ħames snin li ilu Ruma Dun Renato segwa diversi korsijiet ta' approfondimend fil-qasam tad-Drittu. Ta' min isemmi, fost l-oħrajn il-Kors ta' studju miżmum mill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin dwar il-proċedura, aspetti teoloġiċi u prassi tal-Kawżi ta' Beatifikazzjoni magħruf bħala "Studium Congregationis De Causis Sanctorum" u li fih spiċċa wkoll b'Summa Cum Laude.

## Żjara ta' l-Abbatini lill-President

Matul il-vaganzi ta' l-Għid l-abbatini tal-Bażilika tagħna kellhom laqgħa mal-President ta' Malta Dr. Censu Tabone. L-abbatini kienu mmexxija mid-direttur spiritwali Dun Ġorġ Grima u mill-Kan. Dun Felic Tabone. L-abbatini ltaqgħu mal-President u s-Sinjura Tabone fil-Palazz ta' Sant Anton u Mark Sagona, il-Prefett tagħhom ippreżenta lill-President rigal f'din l-okkażjoni. Wara huma ġew imdawwra mal-palazz u mal-ġonna ta' Sant Anton.

# "NORMA" tissupera l-Produzzjonijiet Operistiċi f'Għawdex

F'perijodu relattivament qasir ta' 25 xahar, it-teatru Astra rnexxielu jippreżenta lill-publiku Malti u Għawdxi xejn anqas minn ħames opri liriċi. Il-ħamsa kienu ta' klassi, imtella' b'teknika u ħila liema bħalha, bis-sehem ta' kantanti rinomati barranin. Kienu produzzjonijiet kbar, jekk mhux ambizzjużi, bħal fil-każ tal-'Aida', iżda jkolli ngħid li l-aħħar opra li ġiet ippreżentata fit-Teatru Astra, bil-kollaborazzjoni tal-Impresa Fasano ta' Ruma - 'Norma' - Kienet x'aktarx l-aktar waħda li tispikka fihom ilkoll.

"Norma", minnha nnifisha, hija ġawhra ta' opra, rikka fil-melodija, miżgħuda b'siltiet mużikali tant karateristiċi mill-pinna tal-kompożitur Kataniż Vincenzo Bellini, magħrufa għall-ħlewwa u s-seher tagħhom. U meta din u Brian Cefai ma naqsux li jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-opra. Huma ħarġu mill-partijiet tagħhom bl-aqwa unuri.

Kemm il-Kor kif ukoll l-Orkestra kienu iffurmati b'element lokali. Hawnhekk ukoll iridu nirrimarkaw li kien hemm sodisfazzjoni ġenerali dwar dawn iż-żewġ fatturi. Il-Kor intona perfettament mall-vuċijiet primarji u kien fih għaxqa x'tisma, partikularment fir-Raba' att. Mro John Galea u s-Sinjorina Maria Frendo, li f'idejjhom kollhom it-tagħlim tal-Kor, jidher li għamlu x-xogħol tagħhom bil-għaqal.

Dwar l-Orkestra ta' min igħid li kien hemm titjib konsiderevoli fuq rappreżentazzjonijiet oħra li saru fl-imgħoddi. L-Orkestra kienet waħda b'saħħitha biżżejjed



Hekk ġara fin-"Norma" tat-Teatru Astra fiż-żewġ rappreżentazzjonijiet li saru fit-30 ta' Marzu u l-1 t'April. B'cast ta' kantanti eċċezzjonali, fosthom is-sopran internazzjonali Adelaide Negri, b'kor tal-opra mħareġ tajjeb fl-affarijiet tiegħu u b'orkestra iffurmata minn l-aħjar element fost il-mużiċisti Maltin, ma setax ikun mod ieħor.

l-opra tiġi preżentata bis-sehem ta' artisti ċelebri, b'orkestra u kor tabilħaqq rispettabbli, u fuq kollox b'sopran imżejna b'vuċi stupenda, allura aktar u aktar tkompli tikber.

## Is-Sopran NEGRI fi klassi għaliha

Adelaide Negri, fil-parti primarja tal-opra, tat waħda mill-akbar interpretazzjonijiet li qatt rajna fuq il-palk lokali. Minkejja r-rwol ferm impenjattiv tagħha, Negri tat prova tal-kapaċità professjonali tagħha b'wirja stupenda li saħħret lil kulħadd. Hija dehret kunfidenti mill-bidu sal-aħħar u ta' ispirazzjoni kontinwa għal sħabha. M'hemmx dubju li s-sigriet wara s-suċċess li ġabet magħha n-"Norma" jġib l-inizzjali ta' din il-brava sopran Argentina.

Il-kantanti l-oħra, il-mezzo-sopran Silvia Montanari, it-tenur Manuel Contreras Bello u l-baxx Giovanni Gusmeroli, flimkien mall-kantanti lokali Rosabelle Pavia biex toħroġ il-movimenti u l-kuluri tal-mużika drammatika ta' Bellini.

## Jidderieġi Mro. J. Vella

Jidderieġi l-Orkestra kellna għal darb'oħra lil Maro Joseph Vella. Mid-direzzjoni mużikali ta' dan is-surmast abbli Għawdxi issa drajna nisimgħu serati mużikali ta' livelli għoli, u din id-darba wkoll ma fallielniex. Pjuttost irrid inżid li, sforz l-esperjenza tremenda u l-kapaċità singolari tiegħu, stajna ngawdu l-opra kif qatt il-produzzjoni ibbrillat fuq l-opri l-oħra li kellha f'Għawdex, huwa mertu wkoll tax-xogħol kbir li wettaq Mro Vella.

Żewġ aspetti oħra mil-opra li ma xtaqx inħalli barra huma l-kostumi u x-xenarju. L-Impresa Fasano ipprovdiet il-kostumi tal-atturi prinċipali, kif ukoll is-sett kollu tax-xenografija. Il-kostumi l-oħra kollha saru mid-direzzjoni tat-Teatru Astra, u hawnhekk irrid nagħti prosit lil Manuel Grima u lil George Farrugia li, bil-għajnuna ta' erbatax-il ħajjata, tawna kostumi li kmplew ipaxxu l-għajn u joħolqu ambjent sabiħ fuq il-palk.

Nagħlaq billi nifraħ lil-Management tat-Teatru Astra għal din il-produzzjoni eċċezzjonali li għoġbu jirregalalna din is-sena. Kienet produzzjoni kbira li rridu nibqgħu nitkellmu fuqha għal żmien twil.